**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | |
|---|---|
| **Laqgħa Nru. 04/23** | |
| **Data:** | It-Tnejn, 17 t'April 2023 |
| **Ħin:** | 6:08pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier (Skużat)
Joan Agius - Viċi-Sindku
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **04.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **04.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **04.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **04.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **04.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **04.06** | **Binja tat-Tribunal;** |
| **04.07** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **04.08** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **04.09** | **Mozzjonijiet; u** |
| **04.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**04. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ ittri ta' apoloġiji mingħand Abela u Baldacchino minħabba xogħol. | |

**04. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent:<br>Sekondant: | Il-Minuti 03/23 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 04. 2. 1 | 03.08.06 | Chircop | Chircop qal li s-Sur Debono irringrazzja lill-Kunsill li fraħnilu. | |
| 04. 2. 2 | | Dorcas | Tiżdied li kellhom jitqassmu l-figolli lir-residenti tal-Fondazzjoni Nazzareth. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**04. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2 3 | | SPI.SCI.1.2023 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 | Tressqet għall-approvazzjoni sabiex nissottomettu l-applikazzjoni għall-fondi tal-attivita' Żejt iż-Żejtun. Kien hemm qbil unanimu li din tiġi sottomessa. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. 2 4 | | SPI.SCI.2.2023 - Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex | Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li napplikaw għall-fondi sabiex jiġi nstallat arja kundizzjonata fil-librerija. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2 | 5 | | Casual worker | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni sabiex jiġi ngaġġat *casual worker* mal-kunsill. Din ġiet approvata b'mod unanimu. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 2 | 6 | | Dorcas: Tqassim ta' figolli | Camilleri qalet li f'Sibt il-Għid tqassmu l-figolli lir-residenti tal-Fondazzjoni Nazzareth. | Camilleri |
| 04. | 2 | 7 | 03.02.09 | Chircop: Fondi tal-Milied | Chircop qal li l-kunċert sar fit-30 ta' Marzu. Irringrazzja l-Għaqda Kumitat Ġimgħa Kbira għall-għajnuna li sab. | Chircop |
| 04. | 2 | 8 | 03.03.06 | Chircop: Festa ta' San Girgor | Chircop qal li din ġiet imtella' bejn il-11 u t-12 t'April u kien hemm attendenza tajba ħafna. Irringrazzja lid-Direttorat tal-Kultura, lill-Ministru Owen Bonnici u r-Reġjuni Nofsinhar, Punent u Għawdex li pparteċipaw. | Chircop |
| 04. | 2 | 9 | 03.08.04 | Chircop: Fuljett tal-Ġimgħa l-Kbira | Chircop qal li dan inħareġ bl-informazzjoni dwar wirjiet li ttellaw fil-lokal kif ukoll r-raprezentazzjoni tal-aħħar ċena li kienet itellat fl-2018 fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat ixxandret fuq Radju Marija u Radju Lawretana. | Chircop |
| 04. | 2 | 10 | 03.02.07 | Sindku: Grow TENtrees | Fenech staqsiet lis-Sindku jekk għamlitx kuntatt mal-Scouts. S'issa għadu ma sarx kuntatt. | Fenech |
| 04. | 2 | 11 | 03.02.10 | Fenech: Ġemellaġ ma' Celano | Fenech qalet li bejn t-12 u l-14 ta' Mejju saret stedina uffiċjali sabiex s-Sindku titla' Celano u tiltaqa' mas-Sindku tal-Lokal għall-okkażżjoni tat-800 sena anniversarju minn meta ċ-Ċelaniżi ġew eżiljati lejn Sqallija u Malta, fejn ħafna minnhom għexu ż-Żejtun. Fl-istess ħin ser isir l-iffirmar mal-Għaqda Kulturali mmexxija minn Ezio Ciciotti flimkien mal-Għaqda Mużikali Beland. | Fenech / Sindku |
| 04. | 2 | 12 | 03.03.03 | Sindku: Tricycles | Fenech qalet li s'issa għad m'għandniex ħjiel meta dawn ser jiġu għandna. Tlabna estenzjoni minħabba l-van elettroniku. | Fenech |
| 04. | 2 | 13 | 03.03.15 | Fenech: First Aid course | Fenech staqsiet jekk għadx hemm il-ħsieb li dan isir. Is-Segretarju wieġeb li qed jara min hu nteressat u jimxi minn hemm. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 2 | 14 | 03.08.02 | Fenech: Book sale | Fenech qalet li din l-attivita' saret mill-cat feeders sabiex setgħu jinġabru fondi minnhom li jistgħu jintużaw għal qtates li jitħallew barra abbandunati. | Fenech |
| 04. | 2 | 15 | 03.08.03 | Fenech: Twinning Avola | Fenech qalet li l-*booking* intela mill-ewwel. Ser inkunu qed inżuru Avola bejn id-29 t'April u l-1 ta' Mejju fejn ser jiġi ffirmat *friendship agreement.* Dan huwa proġett ta' Social Corporative u ser ikun hemm 25 persuna. Il-prezz sussidjat hu ta' €150. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2 | 16 | 03.03.11 | Viċi-Sindku: Permessi | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-multa li qed jeħlu meta xi ħadd jagħmel permess fi żmien 48 siegħa. Din hija emenda fil-liġi sabiex ma jsirux permessi fl-aħħar ħin. Issemiet ukoll il-problema ta' nuqqas ta' wardens. Is-Sindku qalet li din diġa ġiet diskussa mal-AKL. | Viċi-Sindku |
| 04. | 2 | 17 | 03.06.11 | Viċi-Sindku: Misraħ Santa Marija | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-parkeġġ. Is-Sindku qalet li l-pjanta ġiet emendata u l-parkeġġ mhux ser jonqos. Ser isir *embellishment* tal-Misraħ permezz ta' pavimentar u bankini ġodda. | Viċi-Sindku |
| 04. | 2 | 18 | 03.08.01 | Viċi-Sindku: Wirja | Il-Viċi-Sindku qalet li din il-wirja saret u nġabret is-somma ta' €425. Caruana ser jippreżentahom lill-knisja għad-damask. | Caruana |
| 04. | 2 | 19 | 03.12.01 | Viċi-Sindku: Notice Boards | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar *notice boards* li hemm bżonn tinbidel is-serratura sabiex jinbiddlu l-posters li fihom. | Viċi-Sindku |
| 04. | 2 | 20 | 03.03.14 | Caruana: Ħsarat ta' tires | Caruana staqsa meta ser jitħallsu tal-ħsarat. Dawn ser jiġu approvati dalwaqt. | Caruana |
| 04. | 2 | 21 | 03.04.01 | Caruana: Triq Santa Ċeċilja | Caruana talab sabiex jinqalgħu t-tabelli peress li dan l-arranġament ġie approvat minn TM. | Caruana |
| 04. | 2 | 22 | 03.03.12 | Caruana: Misraħ il-Bjar | Caruana staqsa meta ser isiru s-sinjali tal-parkeġġ. Dawn ser isiru dalwaqt. | Caruana |
| 04. | 2 | 23 | 03.03.09 | Caruana: *Skips* fiċ-ċimiterju | Caruana qajjem diskussjoni dwar it-tneħħija tal-skips. Is-Sindku spjegat li minn Jannar 2023 dawn ma baqgħux parti mill-kuntratt u l-kunsill qed jikkomunika mar-Reġjun dwar kif ser nipproċedu sabiex tinżamm l-indafa. Dan ġie kkomunikat mal-Arċipriet. Qalet li ser tkun qed tara kif tista' tgħin bħalma dejjem sar. Is-Segretarju spjega li l-ispiża tat-*tipping fees* għoliet ħafna u qed tkun ta' piż kbir fuq il-kunsill. | Caruana |
| 04. | 2 | 24 | 03.08.07 | Chircop: Restawr tal-Kappella ta' Santa Marija | Chircop qal li r-restawr diġa beda. | Chircop |
| 04. | 2 | 25 | 03.06.01 | Sindku | Is-Sindku qalet li rridu naraw jekk Silvar Constructions jaqbilx mar-rati li ser ituna l.M. qabel jibda x-xogħol. | Sindku |

**04 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/23. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 1 | | Sindku: Restawr tal-fanali taz-zuntier | Is-Sindku talbet lil Caruana sabiex iġib stima sabiex isir ir-restawr. | Caruana |
| 04 | 3 | 2 | 08 | Sindku: Twinning ma' Oborniki | Is-Sindku qalet li aħna nteressati u ser jibdew id-diskussjonijiet. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 3 | Sindku: Triq il-Għadam | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-ministru dwar il-problema ta' vetturi kbar li qed jgħaddu minn din it-triq. Kien issuġerit li din tingħalaq għall-vetturi kbar u tgħaddi tal-linja biss u vetturi żgħar. Tqajjem il-punt li hemm garaxxijiet li jridu jkunu aċċessibli. Ser terġa tiġi diskussa. Kien hemm qbil li l-aċċess minn Triq il-President Anton Buttiġieġ jibqa' miftuħ kif inhu. | Sindku |
| 04 | 3 | 4 | Sindku | Is-Sindku qalet li kellha lqagħa mal-W.S.C. fejn issemma l-proġett ġdid tan-*new water* u ssemew Trqi il-Kotob u Triq Santu Kristu. | Sindku |
| 04 | 3 | 5 | Sindku: Żvilupp fi Sqaq Marsaxlokk | Dwar dan ser issir oġezzjoni minn naħa tal-kunsill. | Sindku |
| 04 | 3 | 6 | Sindku: Ritmu fil-komunita' | Is-Sindku qalet li saret l-attivita' Ritmu fil-Komunita' fil-pjazza mtella' mid-Direttorat tal-Kultura bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. | Viċi-Sindku |
| 04 | 3 | 7 | Sindku: Permessi tal-Ġimgħa Mqaddsa | Is-Sindku qalet li kien hemm ftit problemi bil· permessi fosthom bejgħ tal-ġilat fil-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll il-lista tal-permessi m'għadditx għand il-pulizija. | |
| 04 | 3 | 8 | Chircop | Chircop qal li ħareġ il-permess biex jibda r-restawr fuq is-salib tal-pjazza. | |

**04. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 4 | 1 | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss. | |

**04. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 5 | 1 | Caruana: Triq il-Qadi | Caruana reġa qajjem diskussjoni dwar xogħol ta' *extended patching* f'din it-triq. Is-Sindku spjegat li din hija skedata sabiex issir minn l.M. | Sindku |
| 4 | 5 | 2 | Fenech: Servizz ta' Wifi minn Tech.mt | Fenech qalet li s-servizzi fil-librerija u l-kunsill ser jieqfu wara li ġejna infurmati li mhux ikun hemm użu biżżejjed tas-servizz u m'għadhoms vijabbli. | Fenech |

**04. 6. Binja tat-Tribunal;**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 6. | 1 | Sindku | Is-Sindku qalet li rċevejna korrispondenza mir-Reġjun Xlokk fejn sar rapport mill-perit tagħhom u talbuna intervent fuq is-saqaf peress li daħal ħafna ilma u hemm ħafna konsenturi. Dan sar minn naħa tagħna pero l-problemi ma ssolvewx. Aħna infurmajnihom sabiex jinsab post alternattiv malajr kemm jista' jkun. Dwar din il-binja irid isir ħsieb tajjeb x'ser isir il-quddiem. | |

**04. 7. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 7 | 1 | | Camilleri | Camilleri qalet li ser jiġu organizzati r-*revision classes* għas-Sajf minn Rachel Grima.<br>Ser jiġu aċċettati sa 25 applikant. | Camilleri |
| 04 | 7 | 2 | | Chircop | Chircop qal li l-applikazzjonijiet ta' Ġieh iż-Żejtun ser ikunu miftuħa sas-27 ta' Mejju 2023. Hemm ukoll l-applikazzjonijiet għall-Konkors Letterarju. | Chircop |
| 04 | 7 | 3 | | Chircop | M.U.Y.A. ser torganizza attivita' fi Ġnien il-Kmandant fit-30 t'April dwar *board games*, proġett ta' Erasmus+. | Chircop |
| 04 | 7 | 4 | | Chircop | Chircop qal li fis-6 ta' Mejju, r-Reġjun Nofsinhar ser jorganizza attivita' dwar l-istorja taż-Żejtun bl-isem Il-Manuċċa ttir maż-żmien. Ser tinqasam fuq ħames żoni. Il-ġrajja tat-tieni gwerra dinjija, il-ġrajja tas-salib tal-pjazza, l-aħħar ħbit mit-torok, l-Assedju l-Kbir u Hompesh jagħti t-titlu ta' belt liż-Żejtun.<br>Dawn ser ikunu re-enactments bejn is-7:00pm u l-10:30pm | Chircop |
| 04 | 7 | 5 | | Fenech | Studenti tal-Mcast ser jikkrejaw poster sabiex nagħmlu talba għall-ikel tal-qtates u ser jitqassam lill-studenti minn Kinder 1 sal-Year 3. | Fenech |
| 04 | 7 | 6 | | Fenech | Fenech qalet li fis-7 ta' mejju ser isir l-għoti tad-demm u fit-3 ta' mejju ser isir l-iċċekjar tas-snien b'xejn. | Fenech |
| 04 | 7 | 7 | | Sindku | Is-Sinku semmiet lista ta' attivitajiet li ser jiġu organizzati mill-Viċi-Sindku:<br>Mother's Day W/B - 12 sal-14 ta' Mejju<br>Attivita' għat-tfal - 27 ta' Mejju<br>Ġurnata Sqallija - 3 ta' Ġunju<br>Jum il-Missier - 14 ta' Ġunju<br>Ġurnata Kemmuna - 1 ta' Lulju<br>Ġurnata Għawdex - 15 ta' Lulju<br>Ġurnata Sqallija Etna Land - 29 ta' Lulju<br>Ġurnata Kemmuna - 12 t'Awwissu | Viċi-Sindku |
| **04.** | **8.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 04. | 8. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/23 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 8. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 04/23 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 8. | 3 | | *Petty Cash* - Marzu 2023 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Marzu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €231.40<br>Ġiet approvata invoice ta' Primavera Catering li ma kinitx imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti. | Segretarju Eżekuttiv |
| **04** | **9** | | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04. | 9 | 1 | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa. |

**04 10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit- 8:34pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn,  22 ta' Mejju 2023 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-4:30pm.

Maria Dolores Abela

Sindku

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv